MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 608/1997/1

**Emmanuel u Catherine Monreale.**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Onor. Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u tal-Kostruzzjoni u b'digriet tat-3 ta' April, 1998 gie kjamat fir-Rikors il-Kummissarju tal-Artijiet.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors datat 23 ta' April 1998 fejn l-istess rikorrent ippremetta:-

Illi l-esponenti huma l-proprejtarji tal-fond "Holy Family", Triq iz-Zurrieq, Hal Safi.

Illi skond il-pjan regolatur taz-zmien meta l-esponenti kienu xtraw il-plot taghhom, il-plot taghhom kien gie approvat bhala post f'kantuniera, jigifieri l-ahhar plot fit-tarf, qrib roqqa, fejn hemm bankina, ghax dan huwa lok storiku, imsejjah "Il-Gebel Ruman".

Illi r-rikorrenti kienu hallsu r-"*road contribution*" bhala kantuniera u kienu ukoll akkwistaw anki parti mit-triq.

Illi dan kollu sar skond il-pjan regolatur u l-istanti bnew kollox skond l-istess.

Illi stranament, aktar minn hames snin wara, l-art pubblika (it-triq) magenb il-plot ta' l-esponenti, giet allokkata u mibjugha lil certu Carmelo Zammit.

Illi in effetti jidher car li l-intenzjoni skond fl-pjan regolatur kienet li l-plot ta' Emmanuel Monreal, kellha tkun "*corner plot*". Fl-1967, pero' id-Dipartiment ta' l-Artijiet irceviet ittra minghand id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, fejn inghata istruzzjonijiet, biex *inter alia*, tbiegh dik il-parti tat-triq lil Carmelo Zammit.

Illi fil-frattemp l-esponent skond il-ligi kien lahaq bena u l-gallarija tieghu, kienet naturalment taghtu ghal fuq triq pubblika. Meta din l-art giet mibjugha lil Carmelo Zammit, il-gallerija tieghu issa, giet taghti ghal fuq il-proprjeta` ta' Zammit.

Illi minhabba f'dan fl-1983, Emmanuel Monreale kiteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn ilmenta li skond il-pjan regolatur, il-plot tieghu kellha tkun f'kantuniera u li l-bejgh ta' l-art lil Carmelo Zammit ippregudikatlu l-posizzjoni tieghu.

Illi peress li rrizulta li l-esponenti kellhom ragun, u l-permess originali ta' Monreale kien "*corner plot*," fl-20 ta' Settembru, 1990, l-art originarjament mibjugha lil Zammit, giet esproprijata mill-Gvern biex b'hekk it-triq regghet saret pubblika u gie osservat il-pjan regolatur.

Illi minhabba f'dan il-proprjetarji ta' l-art in kwistjoni presenti, ossia l-eredi ta' Carmelo Zammit, fethu kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Mark Rose mart il-mejjet Michael Zahra et vs Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambient et"** Rikors Nru.346/91F, li nqata' favorevolment it-talbiet tar-rikorrenti fit-31 ta' Mejju 1996.

Illi b'hekk issa l-istanti ser jergghu jigu ppregudikati, ghax biex jigu akkommodati l-eredi ta' Zammit ser ikollhom jwaqqghu l-gallerija taghhom.

Illi meta r-rikorrent hallas ir-*road contribution*, huwa kien akkwista certu drittijiet fuq il-proprejta' tieghu u meta d-Dipartiment ta' l-Artijiet regghet baghtitlu lura l-flus wara xi tmien snin, biex bieghet l-art lil Zammit, ippregudikatlu d-drittijiet fuq il-proprjeta' tieghu u illuditilu d-drittijiet tieghu ta' proprjeta sanciti mill-**Art.37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Ghaldaqstant, l-esponent jitolbu umilment lil din l-Onor. Qorti jogghobha:

(i) Tiddikjara lill-intimati jew minn minnhom, illudewlu d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tieghu skond l-**l-Art 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,** meta abbuzivament u biex jigi akkomodat Carmelo Zammit, u minghajr skop pubbliku, qabdu u baghtu lura r-*road contribution* lill-esponent u bieghu it-triq lil Zammit;
(ii) Tordna li kollox ghandu jsir skond il-ligi u skond il-pjan regolatur ta' dak iz-zmien;

(iii) Taghti dawk il-provvedimenti, direttivi u ordnijiet li jidhirlha xierqa biex jigu rimedjati l-lanjanzi ta' l-istanti.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogholijiet u Kostruzzjoni fejn eccepew:-

Illi prelminarjament, ir-rikors ghandu jigi michud stante t-talbiet kif formulati mill-attur.

(a) ir-rikorrenti stess jallegaw fir-rikors taghhom li huwa l-Kummissarju li *"pregudikalu d-drittijiet fuq il-proprejta` tieghu u illuditlu d-drittijiet tieghu ta' proprejta` sanciti mill-Art 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittjiet tal-Bniedem"* (vide l-ahhar paragrafu qabel it-talbiet tar-rikorrent).

(b) Illi ghalhekk, *se mai,* huwa l-Kummissarju ta' l-Art li kellu jigi mharrek f'din il-kawza u mhux l-intimati.

(c) Illi inoltre, skond l-**Artikolu 181B tal-Kap 12,** l-intimati gew imharrka inutilment stante li r-rapprezentanza tal-Gvern fl-atti gudizzjarji mhix la fl-esponenti l-Avukat Generali u lanqas fl-esponenti l-iehor l-Onor Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni izda fil-Kap tad-Dipartiment u cioe` fid-Direttur Generali tax-Xogholijiet. L-Avukat Generali jista' jigi mharrek fil-kazijiet imsemmija fl-**Artikolu 181B(2) tal-Kap 12,** li fir-rikors odjern dan ma japplikax.

2. Illi, inoltre u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jissollevaw li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda wkoll stante li l-eghmil tal-Gvern kien dak li jottempera ruhu mad-decizjoni ta' l-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijlet "**Mary Rose mart il-mejjet Michael Zahra et vs is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et**" li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok "AM".

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghall-premess, kemm-il darba r-rikorrenti sofrew xi danni, certament din mhix il-Qorti idoneja li tista' tiddeciedi dwar id-danni.

Salvi risposti ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 1997 u tat-23 ta' Jannar 1998;

Rat in-nota ta' l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta' April 1998; tat-3 ta' April 1998 fejn il-Qorti pprovdiet definittivament fuq ir-rikors tar-rikorrenti tat-28 ta' Jannar 1998 billi, wara li kkunsidrat illi l-Kummissarju tal-Artijiet jista' jkollu interess fl-ezitu tar-rikors. Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat il-kjamat fir-rikors tal-istess Kummissarju tal-Artijiet u tas-27 ta' April 1998;

Rat ir-risposta tal-kjamat fir-rikors il-Kummissarju ta' l-Artijiet a fol.50 tal-process fejn eccepixxa:-

(1) Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta fil-konfront ta' l-esponenti stante li huwa dahal parti fil-kawza bis-sahha tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' April 1998 waqt li l-bejgh ta' l-art in kwistjoni lil Carmelo Zammit sar fis-16 ta' Marzu 1968.

(2) Illi minghajr pregudizzju, r-rikorrenti m'ghandux interess guridiku f'din il-kawza peress li l-istat tat-triq kif inhu prezentement hija skond il-pjan regolatur originali u cioe` dak li mexa mieghu ir-rikorrenti stess u ghalhekk ir-rikorrenti m'ghandu xejn x'jigwadanja b'din il-kawza u lanqas ghandu ghalxiex jilmenta.

(3) Illi l-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet Pubblici (Kap 88)** huwa ezentat mill-operat ta' l-**Art 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** in forza ta' l-**Art 47 (a) tal-Kostituzzjoni.**

(4) Illi l-**Art 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** ma japplikax ghall-kaz in dizamina stante li l-avvenimenti li minnhom qed jilmenta r-rikorrent graw qabel it-30 t'April 1987, u dan skond l-**Art 7 tal-Kap 319.**

(5) Illi r-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji moghtija lilu mill-ligi ordinarja, peress illi kemm-il darba r-rikorrenti sofra xi danni kif hu qed jallega fir-rikors, huwa kellu jintavola kawza ghad-danni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mhux jintavola dawn il-proceduri.

(6) Illi l-pretenzjoni tar-rikorrent fis-sens illi allegatament il-hlas li huwa ghamel bhala s-sehem tieghu mill-kontribuzzjoni ghall-asfaltar tat-triq b'xi mod jirradikalu xi dritt ta' proprjeta` fuq l-art in kwistjoni, hija wahda fallaci u nfondata fid-dritt. Dan ghaliex huwa ben risaput illi min attwalment jipposjedi proprjeta` jigi mitlub ihallas sehmu mir-*road contribution* bhala xi haga solita u minghajr pregudizzju ghal xi drittijiet reali spettanti lil terzi skond il-ligi.

(7) Illi r-rikorrent jaf ben tajjeb dwar l-import ta' dan kollu tant illi fi proceduri kostituzzjonali antecedenti ghal dawk odjerni, u dejjem rigwardanti l-istess art u l-istess mertu kien ittenta jintervjeni f'dawk il-proceduri in sostenn tal-posizzjoni legali li kienu hadu l-esponenti f'dawk il-proceduri. Pero` issa l-istess rikorrent bir-rikors odjern ghogbu jattakka din l-istess posizzjoni legali li kienet komuni ghalih.
Salvi risposti ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduti tal-10 ta' Gunju 1998; tat-12 ta' Ottubru 1998 fejn Dr Aquilina Zahra ddikjarat li kienet qeghda tirtira l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Artijiet; tat-22 ta' Jannar 1999;

Rat in-nota ta' Emmanuel Monreal biex jirregola ruhu;

Rat il-verbal tas-seduti tat-8 ta' Marzu 1999; tat-28 ta' Gunju 1999; tal-31 ta' Jannar 2000; tat-8 ta' Marzu 2000; tal-10 ta' April 2000; tat-28 ta' April 2000; tat-23 ta' Gunju 2000; tad-29 ta' Novembru 2000; tal-20 ta' Frar 2001; tat-3 ta' April; tas-26 ta' Gunju 2001; tat-13 ta' Novembru 2001;

Rat in-nota tar-rikorrent;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 2002 fejn Dr David Camilleri ddikjara li m'ghandux provi aktar u talab li jaghmel nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lir-rikorrent biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-

parti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2002;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduti tas-27 ta' Gunju 2002 u tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### (A) <u>RIKORS PROMOTUR.</u>

Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond "Holy Family", Triq iz-Zurrieq, Hal Safi. Illi meta huma kienu xtraw il-plot taghhom skond il-pjan regolatur ta' dak iz-zmien dan kien gie approvat bhala post f'kantuniera *"jigifieri l-ahhar plot fit-tarf, qrib roqqa, fejn hemm bankina, ghax dan huwa lok storiku, imsejjah 'Il-Gebel Ruman'."* Huma kienu hallsu r-*road contribution* bhala kantuniera u kienu wkoll akkwistaw anki parti mit-triq. Ir-rikorrenti bnew kollox skond il-pjan regolatur.

Illi aktar minn hames (5) snin wara, l-art pubblika magenb il-plot taghhom giet allokata u mibjugha lil certu Carmelo Zammit. Infatti, fl-1967 id-Dipartiment ta' l-Artijiet ircieva ittra minghand id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fejn inghata struzzjonijiet biex tbiegh dik il-parti tat-triq lil Carmelo Zammit.

Illi fil-frattemp, ir-rikorrenti kien bena u l-gallerija tieghu kienet taghti ghal fuq triq pubblika, izda meta din l-art giet mibjugha lil Carmelo Zammit il-gallerija tar-rikorrent giet taghti ghal fuq il-proprjeta` ta' Zammit. Illi minhabba dan fl-1983, Emmanuele Monreale kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet fejn ilmenta b'dan kollu u minhabba li rrizulta li kellhom ragun (cioe' li l-permess originali kien *corner plot*),

fl-20 ta' Settembru 1990 l-art originarjament mibjugha lil Zammit giet esproprjata mill-Gvern biex b'hekk it-triq regghet saret pubblika u gie osservat il-pjan regolatur.

Illi l-eredi ta' Carmelo Zammit fethu kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Mary Rose mart il-mejjet Michael Zahra et vs Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et"** li nqatghet b'mod favorevoli ghar-rikorrenti. Illi minhabba f'hekk, ir-rikorrenti Monreale qed isostnu li se jergghu jigu ppregudikati ghax biex jigu akkomodati l-eredi ta' Zammit ser ikollhom iwaqqghu l-gallerija taghhom. Illi kwindi r-rikorrenti qed isostnu illi meta kienu hallsu r-*road contribution* huma kienu akkwistaw certu drittijiet fuq il-proprjeta' u meta d-Dipartiment tal-Artijiet baghtlu lura l-flus wara xi tmien (8) snin biex biegh l-art lil Zammit ippregudikatlu d-drittijiet fuq il-proprjeta' tieghu u lleditlu d-drittijiet ta' proprjeta' sanciti mill-**Art.37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**. Apparti, tali dikjarazzjoni qed jitolbu li din il-Qorti tordna li kollox ghandu jsir skond il-pjan regolatur ta' dak iz-zmien.

**(B) <u>RISPOSTA TA' L-AVUKAT GENERALI U MINISTRU TAX-XOGHOLIJIET U KOSTRUZZJONI.</u>**

Illi dawn l-intimati eccepew illi mhumiex il-legittimi kontradditturi minhabba:-

(a) ir-rikorrenti stess allegaw fir-rikors promotur li huwa l-Kummissarju li ppregudikalhom id-drittijiet hemm imsemmija taghhom;

(b) b'hekk, huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li kellu jigi mharrek u mhux huma – din giet sorvolata bil-kjamata in kawza;

(c) skond l-**Art.181B tal-Kap 12**, huma tharrku inutilment peress li r-rapprezentanza tal-Gvern fl-atti gudizzjarji hija fil-Kap tad-Dipartiment u cioe' fid-Direttur Generali tax-Xogholijiet. L-Avukat Generali jista' jigi mharrek fil-kazijiet

imsemmija fl-**Art. 181B(2) tal-Kap 12** li ma japplikax fil-kaz in kwistjoni.

Illi inoltre' sostnew li l-eghmil tal-Gvern kien li jottempora ruhu mad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju 1996 fil-kawza fl-ismijiet **"Mary Rose mart il-mejjet Michael Zahra et vs Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et".** Kif ukoll, jekk kemm-il darba r-rikorrenti soffrew xi danni din mhiex il-Qorti idonea biex tiddeciedi dwarhom.

## (C) RISPOSTA TAL-KJAMAT IN KAWZA KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET .

Illi huwa eccepixxa illi preliminarjament l-azzjoni hi preskritta fil-konfront tieghu stante li hu dahal fil-kawza bid-digriet tat-3 ta' April 1998 waqt li l-bejgh ta' l-art in kwistjoni lil Zammit sar fis-16 ta' Marzu 1968. Din l-eccezzjoni giet irtirata minn Dr Sylvan Aquilina Zahra fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1998.

Illi eccepixxa nuqqas ta' nteress guridiku peress li l-istat tat-triq kif inhi hija skond il-pjan regolatur originali, dak li mexa mieghu r-rikorrenti u b'hekk ir-rikorrenti m'ghandu xejn x'jiggwadanja b'din il-kawza u m'ghandux ghaliex jilmenta.

Illi eccepixxa ukoll illi l-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap.88)** huwa ezentat mill-operat ta' l-**Art 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in forza ta' l-Art.47(9) tal-Kostituzzjoni.**

Illi huwa eccepixxa wkoll illi l-**Art.1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni peress li l-avvenimenti li minnhom qed jilmenta r-rikorrent graw qabel it-30 ta' April 1987. Inoltre' eccepixxa wkoll illi r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji moghtija lilu mill-ligi ordinarja peress illi kemm-il darba hu sofra xi danni huwa kellu jintavola kawza ghad-danni quddiem il-Prim'Awla u mhux il-proceduri odjerni.

Illi rigward il-pretensjoni tar-rikorrenti fis-sens illi l-hlas li hu ghamel bhala sehem tieghu mill-kontribuzzjoni ghall-asfaltar tat-triq b'xi mod jirradikalu xi dritt ta' proprjeta' fuq l-art in kwistjoni l-Kummissarju jsostni li din hi wahda fallaci u nfondata fid-dritt. Dan ghax hu risaput illi min attwalment jipposjedi proprjeta' jigi mitlub ihallas sehemu mir-*road contribution* bhala xi haga solita u minghajr pregudizzju ghal xi drittijiet reali spettanti lil terzi skond il-ligi.

## III. PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu, **Emmanuel Monreale** spjega kif ghall-habta tas-sena 1960 kien xtara *"corner plot"* mertu tal-vertenza odjerna, vicin il-lok storiku tal-Gebel Ruman. Carmelo Zammit xtara plot ma genbu. Fl-ahhar fis-sena 1963 hargu l-permessi ghall-bini u kemm huwa kif ukoll Zammit bdew jibnu.

Illi meta hargu l-pjanti tat-triq pubblika li kellha tinfetah, il-linja tal-faccata li harget skond l-ewwel pjan regolatur tal-1963, kienet tikkomprendi plot adjacenti ghall-plot tieghu. Il-Gvern offrilu l-bejgh tal-plot u hu accetta u hallas ir-*road contributions* necessarji. Hu talab ukoll li jibni l-hajt tal-faccata tal-proprjeta' tieghu u fil-fatt inhariglu l-permess. Sadanittant id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici beda x-xoghol fit-triq pubblika li kienet ser tinfetah, bdew jaghmlu l-bankini u l-asfalt. Skond l-iskema ta' l-1963 kellha tinbena pjazzetta pubblika adjacenti ghad-dar tieghu.

Illi hu qal li Zammit ma kienx hallas *road contributions* ghax skond l-ewwel pjan regolatur dik l-art li originarjament kienet tifforma parti mill-plot ta' Zammit ittiehdet bhala parti mit-triq pubblika li kienet ser tinfetah. Illi x-xhud kompla jispjega li qabel ma hargu l-ewwel linji tal-faccata skond il-pjan regolatur tal-1963, hu u Zammit kellhom l-hajt divizorju mmarkat Y – Z fuq is-*site plan* (Dok 'A') li kien jaghti ghal fuq it-triq. Imbaghad meta hargu d-*demarcation lines* godda tat-triq, il-hajt divizorju kien jikkomprendi l-linja mmarkata bhala X – Z f'Dok. 'C' (a

fol.35 tal-process) skond is-*site plan* , pero’ b’hekk kien sar hajt li jaghti ghal fuq it-triq.

Illi madwar hames snin wara, rega’ sar *re-alignment* tat-triq in kwistjoni skond is-*site plan* Dok ‘C’. Dan ir-*re-alignment* sar b’mod li parti mill-art kompriza fih inbieghet lil Zammit mill-Gvern. Ghalhekk meta Zammit xtara din il-proprjeta’ l-hajt divizorju baqa’ in komuni, pero’ bid-differenza li jekk qabel dan il-hajt kien espost minn naha wahda ghat-triq, skond l-ewwel pjan regolatur, issa l-hajt divizorju gie nkorporat fil-bini ta’ Zammit bir-rizultat b’tali mod li l-proprjetajiet taghhom gew jikkonvergu.

Illi minhabba li kellu *corner plot* ir-rikorrent seta’ jibni l-gallerija ghal fuq it-triq. Sentejn wara li nbieghet l-art lil Zammit, fit-23 ta’ Marzu 1970, il-*Lands Department* baghtulu lura r-*road contributions* li kien hallas – liema *cheque* ma ssarrafx. Illi ftit taz-zmien wara li Zammit xtara l-art hargulu l-permessi tal-bini u beda jibni hajt li kien qed jigi ezatt taht il-gallarija tieghu. B’hekk hu kien ser jaghlaqlu l-genb tal-gallarija u kien ser ikollu jkisser z-zokklatura, jqaccat il-faxex ta’ fuq u t’isfel. Illi b’hekk meta nduna x’konsegwenzi ser ikun hemm u meta beda jinqala’ d-dizgwid ma’ Zammit kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern fis-27 ta’ Gunju 1983 u anki lid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici fejn spjegalhom il-kaz tieghu. Hu qal li kien bena skond l-iskema li nharget fis-sena 1963. Hu baqa’ jinsisti u jikkorrispondi mad-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u anki mal-Kummissarju tal-Artijiet li kienu qed jikkunsidraw il-posizzjoni tieghu. Il-passi necessarji ttiehdu u fil-fatt ‘il bicca art mibjugha lil Zammit giet esproprjata fl-1991. Wara l-esproprjazzjoni, Zammit ghamel kawza kostituzzjonali kontra s-Segretarju tal-Ambjent u l-Kummissarju tal-Artijiet u rebahilhom.

## <u>IV. ECCEZZJONI NUQQAS TA’ EZAWRIMENT TAR-RIMEDJI ORDINARJI.</u>

Illi l-Kummissarju tal-Artijiet fost diversi eccezzjonijiet li ressaq hemm is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji moghtija lilu mill-ligi ordinarja, peress illi kemm-il darba r-rikorrenti sofra xi danni kif hu qed jallega fir-rikors, huwa kellu jintavola kawza ghad-danni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mhux jintavola dawn il-proceduri."*

Illi din l-eccezzjoni hi bbazata fuq il-*proviso* ta' l-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** li jipprovdi hekk:-

*"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."*

Illi fis-sentenza **"Stephen Falzon vs Registratur tal-Qrati et"** (Cit. Nru 21/01FS – P.A. (K) (FS) 14 ta' Frar 2002) il-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe"** (Qorti Kostituzzjonali- 7 ta' Marzu 1994) li wara li ezaminat numru ta' sentenzi qalet hekk:-

*"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali:*

*(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.*

*(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esercizzju ta' diskrezzjonalita` ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.*

*(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.*

*(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.*

*(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.*

*(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Cuschieri vs L-Onor Prim Ministru"** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra'. Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat – jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor – illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-*

*kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet **"Paul Mckay vs Kummissarju tal-Pulizija"** u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet **"Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru."**

Illi inoltre' f'din is-sentenza recenti kkummentat bil-mod segwenti:-

*"Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta'; izda minn naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qeghda tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra l-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m'ghandhiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat – jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor- illi l-ewwel Qorti tezercita s-seghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni.*

*'Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi imbaghad fir-rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (K) (VDG) Rikors Nru 5/2001 VDG) deciz fit-12 ta' Novembru 2001, il-Qorti qalet hekk:-

*"Kif gie mfisser diversi drabi minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali (**Anthony Debattista vs Sammy Meilaq noe,** P.A. 6/4/1995) il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u d-disposizzjoni analoga tal-Kostituzzjoni huma ntizi sabiex jigi assigurat li ma jsirux kawzi kostituzzjonali jew taht l-Artikolu 4 tal-Kap.319 bla bzonn, cioe' meta dak li jkun seta' konvenjentement jadixxi l-qrati bi procedura ordinarja, filwaqt li jigi assigurat li c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li huwa ghandu dritt ghalihom, jekk ikun il-kaz, kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Kap.319. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991): 'Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita' ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex mill-banda l-wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi wara li din il-Qorti ezaminat dan kollu waslet ghall-konkluzjoni li ghandha tilqa' tali eccezzjoni. Infatti, jirrizulta b'mod car li r-rikorrent kellu r-rimedju li jiftah kawza ghad-

danni izda hu ghazel li ma jaghmilx dan. Infatti fin-nota li pprezenta fl-atti sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu qal li pprezenta dan ir-rikors in segwitu ghal sentenza kostituzzjonali fl-ismijiet **“Mary Rose Zahra et vs Segretarjat Parlamentari ghall-Ambjent et”** (31/5/96) fejn gie kkummentat illi “*Fil-fehma ta’ din il-Qorti bl-operat tal-Gvern stess giet kreata sitwazzjoni partikolari li wasslet biex Monreal u Zammit spiccaw jiggieldu ghad-drittijiet reciproci taghhom*.” Kif ukoll, *“…anke jekk l-iskop hu, kien u jibqa’ li jigi speci reintegrat Monreal li soffra l-ewwel pregudizzju.”*

Illi kwindi huwa sostna li l-iskop tieghu fil-proceduri odjerni huwa sabiex jirrimbalza kontra l-istess Gvern il-pregudizzju li huwa soffra. Huwa ddikjara li l-esponent ma setax jipprezenta kawza ghad-danni quddiem Qrati ordinarji minhabba zewg ragunijiet, (1) minhabba li tali talba trid tkun bazata fuq dikjarazzjoni li l-Gvern agixxa kontra tieghu b'mod anti-kostituzzjonali; u (2) peress illi l-incident jirrisali ghal kwazi tletin sena u kwalsiasi azzjoni quddiem qrati ordinarji hija llum *ormai altroche’* estinta. Illi r-rikorrent irrileva li fit-tielet talba tieghu hu qed jitlob lil din il-Qorti biex taghti dak ir-rimedju li jidhrilha xieraq skond il-ligi. Jekk imbaghad il-Qorti jidhrilha li ma tistax tordna dak mitlub fit-tieni talba ghaliex dan ikun qed jikkontradixxi s-sentenza Kostituzzjonali gia’ citata tista’ tipprovdi kumpens opportun.

Illi pero’ dawn l-argumenti migjuba mhumiex accettabbli stante li mhux minnu li biex jagixxi kontra l-Gvern ghad-danni allegatament sofferti kellu bzonn dikjarazzjoni li l-Gvern agixxa kontra tieghu b’mod anti-kostituzzjonali, u jidher car li dak li kellu jvanta r-rikorrenti gie lez f’dak li huwa qed jippretendi li kienu d-drittijiet rejali tieghu, kemm naxxenti *ex contractu* u kemm mod iehor; tali azzjoni jidher li ma saritx izda jidher li l-istess rikorrenti pproceda mill-ewwel b’din il-kawza kostituzzjonali minghajr ma l-ewwel fittex ghar-rimedju civili, li anke fil-kuntest ta’ dak li qed jippretendenti r-rikorrenti llum permezz ta’ proceduri gudizzjarji, jirrivolvi ruhu b’kawza ghal danni, stante li in verita` l-kumpens li qed jitlob ir-rikorrenti f’din il-kawza huwa biss u unikament kumpens monetarju, anke ghaliex

konxju tal-fatt, kif kien mill-bidu nett tal-kawza, li l-esproprijazzjoni tal-art in kwistjoni giet revokata permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju 1996, li biha l-istess art irrevertiet ghar-rikorrenti f'din il-kawza citata Mary Rose Zahra et; dan ma jbiddel xejn mill-fatt li din id-decizjoni ittiehdet fuq agir zbaljat tal-Gvern tramite l-organi tieghu kif indikat fl-istess sentenza, w allura l-azzjoni civili kienet dejjem disponibbli lill-istess rikorrenti iktar u iktar dik ta' allegati danni u/jew pregudizzjali ohra sofferti minnu.

Illi fil-fatt l-istess rikorrenti jammetti fin-nota tal-ossrevazzjonijiet tieghu u wkoll fi bnadi ohra fil-process odjern li ma pprezentax il-kawza ghad-danni ghax kwalsiasi azzjoni quddiem qrati ordinarji hija llum estinta; jekk dan huwa il-kaz, u din il-Qorti ghandha d-dubju taghha dwar dan, anke invista tal-proposti maghmula mid-Dipartament tal-Artijiet datata 6 ta' Novembru 2001, ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghaliex l-istess rikorrenti ma pprocediex civilment kontra l-Awtoritajiet governattivi f'xi zmien, tenut kont li kienu ilu jikkorrispondi mal-Kummissarju tal-Artijiet almenu mis-27 ta' Gunju 1983, kif jidher minn fol. 41 tal-process.

Illi ovvjament ta' din l-inerzja ghar-raguni jew ohra *da parte* tal-istess rikorrenti ma tfissirx li minhabba dan in-nuqqas tieghu ghall-azzjoni gudizzjarja adegwata permezz tal-proceduri normali li kienu disponibbli ghalih, huwa ghandu jimxi fuq il-bazi ta' rikors kostituzzjonali. Infatti ghall dan il-punt il-Qorti tirreferi ghal dak li gara fil-kawza **"Stephen Falzon vs Registratur tal-Qrati et"**, imsemmija aktar 'il fuq, fejn l-Avukat Generali kien issolleva l-aspett li wiehed ma jistax jintavola rikors kostituzzjonali wara li huwa stess ikun naqas li juza' r-rimedji li ttih il-ligi ordinarja fi zmien opportun u konsegwentement ma jista' jkun hemm l-ebda ksur ta' artikoli tal-**Konvenzjoni Ewropea jew tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Il-Qorti fis-sentenza taghha citata sostniet li l-Avukat Generali *"…kien qieghed jibbaza fuq li wiehed ma jistax jiftah kawza kostituzzjonali meta fl-iter tal-kawza originali*

*jkun naqas li juza' rimedji li taghtih il-ligi ordinarja u sekondarjament li mkien ma hemm prevista Qorti tat-tielet istanza. Infatti sostna li l-eccezzjoni hija fis-sens li l-Qorti issa ma tista' taghmel xejn aktar la ma ntuzax il-mezz ordinarju. Ragunar li l-Qorti taqbel mieghu ghax infatti imkien ma hemm provdut ghal Qorti tat-tielet istanza. Ma jistax ir-rikorrent jippretendi li bi skuza tad-drittijiet fundamentali johloq Qorti tat-Tielet [jew possibbilment raba'] istanza."*

Illi din il-Qorti, kif presjeduta, taqbel ma' dan ir-ragunament u huwa applikabbli ghall-kaz odjern. Illi infatti dan il-kaz ilu ghaddej snin twal. Ir-rikorrent xtara l-*corner plot* fl-1963. Sar il-bejgh lil Zammit hames snin wara u kien fl-1970 li l-*Lands Department* baghtulu lura r-*road contributions* li kien hallas. Kien biss fl-1983 li huwa kiteb lid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u lill-Kummissarju tal-Artijiet biex joggezzjona. Illi Zammit kien bena ferm qabel l-1983. Imbaghad fl-1991 il-bicca art mibjugha lil Zammit giet esproprjata u hemmhekk bdew il-proceduri min-naha ta' Zammit u gie spjegat precedentement x'wassal ghall-proceduri odjerni.

Illi issa jekk ir-rikorrent ghazel li ghal xi raguni ma jagixxiex kontra l-Awtoritajiet Governattivi bi procedura adegwata civili, ghal dan iz-zmien kollu, u wkoll lanqas wara s-sentenza citata mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn fl-istess decizjoni jinghad car u tond li dak li gie deciz u gara kien minhabba l-agir tal-istess Awtoritajiet Governattivi, ovvjament u 'n virtu tal-*proviso* tal-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni** llum l-istess rikorrenti ma jistax jippretendi li ghaliex qed jippretendi li tilef id-dritt ta' azzjoni allegatament spettanti lilu civilment, punt li certament hemm riservi dwaru, juza' r-rimedju kostituzzjonali.

Illi jigi wkoll rilevat li r-rikorrenti qed jilmenta li nkisrulu d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tieghu skond l-**Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,** *"meta abbuzivament u biex jigi akkomodat Carmelo Zammit, u minghajr skop pubbliku, qabdu u*

*baghtu lura r-road contribution lill-esponent u bieghu t-triq lil Zammit.”*

Illi jidher car li l-fatti li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent sehhew fl-1970 u fl-1968 rispettivament, u dwar dan l-istess rikorrenti ma ghamel xejn; l-esproprijazzjoni tal-art minghand dan Zammit saret fl-20 ta’ Settembru 1990, u kien hemm id-decizjoni msemmija tal-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta’ Mejju 1996, u wara din id-data l-istess rikorrenti bl-ebda mod ma ghamel azzjoni kontra l-Awtoritajiet Governattivi civilment. Illi jidher car minn dan kollu li ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-istess rikorrenti ma kellux jipprocedi gudizzjarjment quddiem il-Qrati Civili bil-procedura ordinarja, u huwa misteru ghaliex l-istess rikorrenti halla t-trapass ta’ tant zmien biex jagixxi kontra l-Gvern u mbaghad dan biss bil-mod odjern.

Illi ghalhekk ladarba kien hemm tali nuqqas min-naha tieghu ma jistax illum jutilizza l-proceduri odjerni biex jissorvola skond kif qed jargumenta huwa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-kontroparti tkun tista’ tuza’ kontrih.

Illi abbazi ta’ dan kollu din il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet u minhabba li thoss li r-rikorrent m’ezawriex ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli ghalih din il-Qorti qed tiddeklina milli tezercita s-setghat gurisdizzjonali taghha taht l-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni**.

## V. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa’ l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet u tiddiklina milli tezercita` l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u dan kif provdut fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 minhabba li r-rikorrenti m’ezawrewx ir-rimedji ordinarji, u kellu rimedji ohra taht l-ligi ordinarja li huwa ma utilizzax u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghar-rimedju kostituzzjonali mitlub.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------